iswed għal-kollox ! Imm'aħna għidnilhom, minn l-ewwel dehra tagħna, li l-Pulîtka ma għandhiex x'taqsam magħna ; u dak li nwegħdu aħna, ma nwegħduhx biċ-ċajt jew bil-qerq ! Aħna nqimu l-fehma ta' kull-ħadd, bla ma nibdlu tagħna ; u, jekk naħdmu, bħalma ħdimna dejjem, għat-tagħlim u għat-tixrid tal-Malti, naħdmu b'qalbna sâfja għal kull maħluq u bil-ħsieb imqaddes li niftħu l-għajnejn magħluqa. Inħobbu t-Taljan, li nixtiquh mgħallem sewwa; u nħobbu l-Ingliż, għax nafu li jiswielna ; imma fuq kollox inħobbu l-Malti, li hu l-lsien tal-kotra tal-Maltin u kif niftiehmu bih ma niftiehmu b'ebda lsien ieħor.

## FRÂK

(Biex ma jintilefx)

1. IL-KNISJA.

Fuq il-ħerba tal-ġnus u tal-ġrajja
Inti, xbejba li qatt ma tixjieħ,
Tgħaddi tidħak, mimlija bil-ħajja,
Fuq l-egħdewwa b'għarqubek tistrieħ.

2. KELMA KIENET!

(Lil wieħed għajjur)

Fejn hu għaqlek, ja msejken ? x'int thewden ?
X'inti ttalla' u tnizzel għal xejn?
Kelma kienet ; għalfejn int tistaqsi
Dan il-leħen li nsama' minn fejn ?
Mat-tvenvina taż-żiffa li ġġibha
Tmut il-qawwa ħaffiefa tal-kliem ;
Ma' intix għaqli jekk kelma li tgħaddi
Minn ġo qalbek tisraqlek is-sliem.

D. K.

# IS-SENGħA TAL-KITBA

*(Jorbot mal-faċċ. 97 ta' l-1925)*

### GħAŻLA OĦRA BEJN IL-PROŻA U L-POEŻIJA.

Iżda jekk aħna nħarsu sewwa, naraw illi f'dawn il-mirja ta' proża u ta' poeżija li ġibna, dak li jgħaddi bejniethom hu aktar minn barra inkella minn ġewwa, jiġifieri aktar fil-qoxra jew fil-libsa tagħhom milli fil-qalba, la darba l-ħsieb hu, bħal ma għidna, wieħed fit-tnejn.

Bejn il-proża u l-poeżija hemm għażla oħra u aktar tal-qabda, għaliex tmiss il-qalba, u biex ingħid hekk, ir-ruħ tal-waħda u ta' l-oħra.

Iżda biex jirnixxilna nidħlu fil-qalba tal-proża u fil-qalba tal-poeżija u nifhmu xinhi l-waħda u xinhi l-oħra, jeħtiġilna qabel xejn niflu ftit kif jaħdem il-moħħ, inkella r-ruħ, fil-ġabra u l-ħażna tal-għerf tagħha. Dan aħna nagħmluh b'xi mera biex ma nħabblux ir-rjus bla bżonn.

Nieħdu ajruplan, għaliex naħseb illi sal-lum kull-ħadd ra xi wieħed jittajjar. Id-dehra ta' ajruplan li jagħsfar fuq rasna tħalli f'għajnejna, mita nħarsu lejh, bħala debħa jew stampa tiegħu; din mill-għajnejn tgħaddi fil-moħħ, u fil-moħħ tinħadem u titbiddel fi *xbieha*. Issa s-setgħa tal-moħħ illi taħdem u tbiddel dik *id-debħa* fi *xbieha* tissejjaħ *fantasija*.

Il-moħħ jista' jissokta x-xogħol tiegħu fuq dak l-ajruplan, ixebbhu ma' makni u ħwejjeġ oħra magħmulin biex iġorru nies u tgħabijiet minn naħħa għal oħra, jara f'hiex jaqblu u f'hiex ma jaqblux u hekk